MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2015

Numru. 16/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Abdiqani Mahad Mohamed**

**Kumpilazzjoni Nru: 16/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdiqani Mahad Mohamed ta' 20 sena, iben Mahad Mohamed u Khadra Abdilahi Hirsi, imwieled is-Somalia, nhar l-1 ta' Jannar, 1995 u minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta ta' l-identita numru 115119(A).

1. Akkuzat talli nhar il-5 ta' Jannar, 2015, ghall-habta tat-8:15 ta' filghaxija gewwa l-lokalita tal-Marsa, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq minn gewwa vettura bil-mutur tal-ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoi AAJ-704 ghad-detriment ta' Anthony Mifsud u/jew ta' persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (b) (f) (g), 263, 270, 271 (g), 278 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamle hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Skoda bin-numru ta registrazzjoni AAJ-704 ghad-dannu ta' Anthony Mifsud u/jew ta' persuna/i ohra, liema hsara ma' tiskorrix il-mitejn u hamsin Ewro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1) (c ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali u l-eta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 270, 271 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax il-xahar (16) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta'tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------